

I

(Atti leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI Nru 602/2012/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Lulju 2012

dwar emendi għall-Ftehim li jistabbilixxi l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) li jwessgħu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għar-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Mediterran, in-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran jikkonsisti minn pajjiżi li jinsabu max-xatt tal-Mediterran, kif ukoll il-Ġordan li huwa integrat mill-qrib f'dak ir-reġjun.

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

(1) Minn meta ġie stabbilit fl-1991, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-BERŻ) għen lill-pajjiżi Ewropej taċ-Ċentru u tal-Lvant fit-transizzjoni tagħhom lejn ekonomiji ta' suq miftuħ u l-promozzjoni ta' inizzjattivi privati u imprenditorjali. L-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ għandu jiġi estiż għan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran sabiex jiġu promossi objettivi simili. Bi tweġiba għall-qagħda ekonomika u politika fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran, il-BERŻ żviluppa approċċ ffażijiet differenti biex jibda l-attivitatijiet tiegħu li ser iqisu l-ispeċifità tar-reġjun.

(2) Skont ir-Rapport tal-Bord tad-Diretturi għall-Bord tal-Gvernaturi dwar l-espansjoni ġeografika tar-reġjun ta' operazzjonijiet tal-Bank lejn in-Nofsinhar u l-Lvant tal-

(3) Bi tweġiba għall-avvenimenti tal-2011 fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran, fit-8 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppreżentaw Komunikazzjoni Konġunta intitolata "Sħubija għal Demokrazija u Prosperità Maqsuma mal-Mediterran tan-Nofsinhar" li wriet l-appoġġ politiku u ekonomiku qawwi tal-Unjoni għal dak ir-reġjun. Il-Komunikazzjoni Konġunta inkludiet għażla li testendi l-mandat tal-BERŻ biex ikopri l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, abbażi tal-esperjenza tal-BERŻ matul dawn l-aħħar 20 sena. Il-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011 approvat b'mod wiesa' l-kontenut ta' dik il-Komunikazzjoni Konġunta. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2011 dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat — Dimensjoni tan-Nofsinhar, il-Parlament Ewropew stieden lill-BERŻ jibdel l-istatut tiegħu sabiex jieħu sehem fil-proċess ta' għajjuna finanzjarja.

(4) F'Mejju tal-2011, il-mexxejja tal-G8 nedew is-Sħubija ta' Deauville sabiex jgħinu lill-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran fil-bidla tagħhom lejn soċjetajiet ħielsa, demokratiċi u tolleranti u talbu lill-BERŻ iwessa' l-ambitu ġeografiku tiegħu sabiex juża l-esperjenza tiegħu u jappoġġa l-bidla ta' dawk il-pajjiżi biex dawn jibdeu iħaddnu l-prinċipji ta' demokrazija li fiha jieħdu sehem diversi partiti, tal-pluraliżmu u tal-ekonomija tas-suq.

(5) L-espansjoni tal-operazzjonijiet tal-BERŻ lejn pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran tirrifletti tal-appoġġ tal-Unjoni u tal-komunità internazzjonali għat-tama, imħeġġa mir-Rebbiegħa Għarbija, għal transizzjoni f'dak ir-reġjun lejn ekonomiji tas-suq u soċjetajiet demokratiċi pluralistiċi.

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2012 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2012.

- (6) B'kont meħud tal-fraġilità tal-ekonomiji fil-pajjiżi l-ġodda li jopera fihom il-BERŻ u l-inugwaljanzi soċjali li kienu wieħed mill-għeruq tal-irvellli tar-Rebbiegħa Għarbija, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi preparatorji tal-BERŻ għandhom iħeġġu lill-BERŻ iwessa' l-konċentrazzjoni tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur privat, sabiex jikkontribwixxi wkoll, permezz tal-iffinanzjar tiegħu, għall-kisba ta' soċjetajiet soċjalment u ambjentalment sostenibbli, kif elaborat fl-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju rilevanti u f'konformità mal-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-BERŻ għandhom iħeġġu l-kontribut tal-BERŻ għat-transizzjoni lejn ekonomiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, soċjalment inklużivi, u ta' swieq miftuħa, filwaqt li jqisu l-kuntest soċjali, ta' faqar, dak ċiviku u dak tad-drittijiet tal-bniedem.
- (7) Permezz tar-Riżoluzzjonijiet 137 u 138, adottati fit-30 ta' Settembru 2011, il-Bord tal-Gvernaturi tal-BERŻ ivvota favur l-emendi meħtieġa għall-Ftehim li jistabbilixxi l-BERŻ ("il-Ftehim"), u b'hekk ippermetta li l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ jiġi estiż għan-Nofsinhar u għall-Lvant tal-Mediterran, filwaqt li jżomm l-impenn tiegħu lejn il-pajjiżi fejn attwalment jopera. Il-Gvernaturi kollha tal-BERŻ tal-UE, inkluż il-Gvernatur li jirrappreżenta lill-Unjoni, ivvutaw favur dawk l-emendi.
- (8) Permezz tar-Riżoluzzjoni 134 tiegħu, adottata fil-21 ta' Mejju 2011, il-Bord tal-Gvernaturi tal-BERŻ enfasizza li l-estensjoni pjanata tal-mandat tal-BERŻ għandha tinkiseb mingħajr ma jkunu meħtieġa kontribuzzjonijiet ta' kapital addizzjonali mill-azzjonisti tiegħu.
- (9) Skont l-Artikolu 56 tal-Ftehim, il-Bord tal-Gvernaturi tal-BERŻ għandu jistaqsi lill-membri kollha tiegħu jekk jaċċettawx l-emendi proposti jew le.
- (10) Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-BERŻ għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jinkoraġġixxu lill-BERŻ jissorvelja l-operazzjonijiet tiegħu mill-qrib, b'mod partikolari f'pajjiżi fejn hemm nuqqas ta' responsabbiltà politika, fejn jinkisru d-drittijiet ċiviċi u tal-bniedem jew fejn jippersistu livelli għolja ta' korruzzjoni. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-BERŻ għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jiżguraw li l-prinċipji ta' Prattiki Bankarji Prudenti, it-trasparenza u l-għlieda kontra l-frodi, kif mitluba fid-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar is-sottoskrizzjoni mill-Unjoni Ewropea f'ishma addizzjonali fil-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) bħala riżultat tad-deċiżjoni li jiżdied dan il-kapital⁽¹⁾, għandhom jitqiesu fl-attivitajiet tal-BERŻ fil-pajjiżi ġodda fejn jopera.
- (11) Fit-twertiq tal-attivitajiet tiegħu fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-
- korpi governattivi tal-BERŻ għandhom iħeġġu lill-BERŻ biex ikompli bl-involvement mill-qrib tiegħu mal-Unjoni u l-kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, kif ukoll biex jiżviluppa aktar il-kooperazzjoni mill-qrib tiegħu mal-Bank Ewropew għall-linvestiment u istituzzjonijiet oħrajn Ewropej u ta' finanzjament pubbliku internazzjonali, sabiex jagħmel użu sħiħ mill-vantaġġi kumparattivi tagħhom. Il-BERŻ għandu jevita wkoll l-irduppar tal-attivitajiet ta' tali istituzzjonijiet oħra ta' finanzjament pubbliku.
- (12) Qabel ma l-BERŻ japprova pajjiż ġdid ta' operazzjoni, huwa għandu jagħmel valutazzjoni teknika dettaljata tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u pubbliċi li jeżistu fil-pajjiż ikkonċernat, li tinkludi: valutazzjoni tal-impenn ta' dak il-pajjiż għall-prinċipji tad-demokrazija multipartitarja, il-pluraliżmu u l-ekonomija tas-suq, kif inhu mnaqqax fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, valutazzjoni tad-differenzi fit-transizzjoni, u rieżami ta' l-attivitajiet ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn f'dak il-pajjiż u tal-prijoritajiet li għalihom il-BERŻ jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-ħiliet uniċi tiegħu. Fid-diskussjoni ta' dawn il-valutazzjonijiet, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-BERŻ għandhom jinkoraġġixxu lill-BERŻ jikkunsidra bis-sħiħ il-fehmiet tal-Unjoni.
- (13) Fir-rapport li l-Kummissjoni ser tippreżenta skont id-Deċiżjoni Nru 1219/2011/UE sa tmiem ir-raba' Reviżjoni tar-Riżorsi Kapitali għall-perjodu 2011–2015, il-Kummissjoni għandha tqis l-estensjoni tal-ħidma tal-BERŻ fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran.
- (14) Fir-rigward tal-kontribut tal-BERŻ għat-transizzjoni tal-pajjiżi prospettivi ta' operazzjoni fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran lejn ekonomiji sostenibbli, li jaħdmu sew u bi swieq moderni, ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-korpi governattivi tal-BERŻ għandhom jistiednu lill-BERŻ jirrapporta dwar il-prestazzjoni tiegħu kull sena u jwettaq valutazzjonijiet komprensivi tal-impatt tiegħu fuq il-bini ta' ekonomiji bħal dawn qabel ma jseħħu r-reviżjonijiet tiegħu tar-riżorsi tal-kapital ta' kull ħames snin.
- (15) L-emendi għall-Ftehim għandhom għalhekk jiġu approvati fisem l-Unjoni,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għall-Artikoli 1 u 18 tal-Ftehim, li jestendu l-ambitu ġeografiku tal-operazzjonijiet tal-BERŻ b'dan qed jiġu approvati fisem l-Unjoni.

It-test tal-emendi jinsab fl-Anness għal raġunijiet informativi.

⁽¹⁾ ĠU L 313, 26.11.2011, p. 1.

Artikolu 2

Il-Gvernatur tal-BERŻ li jirrappreżenta lill-Unjoni għandu, fisem l-Unjoni, jikkomunika lill-BERŻ l-Istqarrija ta' Aċċettazzjoni tal-emendi.

Artikolu 3

Bħala parti mir-rapport annwali tal-Parlament Ewropew, il-Gvernatur tal-BERŻ li jirrappreżenta lill-Unjoni għandu jirrapporta wkoll dwar l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tal-BERŻ fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, l-4 ta' Lulju 2012.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
M. SCHULZ

Għall-Kunsill
Il-President
A. D. MAVROYIANNIS

ANNEX

EMENDI GĦALL-FTEHIM LI JISTABILIXXI L-BANK EWROPEW GĦAR-RIKOSTRUZZJONI U L-IŻVILUPP

L-Artikolu 1 tal-Ftehim li Jistabilixxi l-Bank għandu jiġi emendat sabiex jaqra kif ġej (it-test il-ġdid bil-korsiv):

“Artikolu 1

Għan

Huwa u jikkontribwixxi għall-progress ekonomiku u għar-rikostruzzjoni, l-għan tal-Bank għandu jkun li jrawwem il-bidla lejn ekonomiji miftuħin diretti lejn is-suq u li jippromwovi l-inizjattivi privati u tal-intrapriżi fil-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Ewropa Ċentrali impenjati li jħarsu l-prinċipji tad-demokrazzja li fiha jieħdu sehem diversi partiti, tal-pluraliżmu u tal-ekonomiji tas-suq u li qed japplikaw dawn il-prinċipji. L-għan tal-Bank jista' jitwettaq ukoll, *dejjem bl-istess kundizzjonijiet, fil-Mongolja u fil-pajjiżi membri li jinsabu fin-Nofsinar u fil-Lvant tal-Mediterran, kif stabbilit mill-Bank, wara li mill-inqas żewġ terzi tal-Gvernaturi li jirrappreżentaw mill-inqas tliet kwarti tas-setgħat kollha tal-vot tal-membri jivvutaw favur dan. B'hekk, kull referenza f'dan il-Ftehim u fl-Annessi tiegħu għall-“pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant u tal-Ewropa Ċentrali”, għall-“pajjiżi li jinsabu fl-Ewropa tal-Lvant u fl-Ewropa Ċentrali”, għall-“pajjiżi benefiċjarju (jew pajjiżi benefiċjarji)” u għall-“pajjiżi membru li huwa benefiċjarju (jew pajjiżi membri li huma benefiċjarji)” għandha tirreferi wkoll għall-Mongolja u għal kull wieħed mit-tali pajjiżi tan-Nofsinar u tal-Lvant tal-Mediterran.”*

L-Artikolu 18 tal-Ftehim li Jistabilixxi l-Bank għandu jiġi emendat sabiex jaqra kif ġej (it-test il-ġdid bil-korsiv):

“Artikolu 18

Fondi speċjali

1. (i) Il-Bank jista' jaċċetta l-amministrazzjoni ta' Fondi Speċjali li huma mfassla biex jaqdu l-għan tal-Bank u li jaqgħu fi ħdan il-funzjonijiet tiegħu *fil-pajjiżi benefiċjarji tiegħu u fil-pajjiżi li huma benefiċjarji potenzjali tiegħu*. L-ispiża totali tal-amministrazzjoni ta' kwalunkwe Fond Speċjali bħal dan għandha titħallas minn dak il-Fond Speċjali.
 - (ii) Għall-għanijiet tas-subparagrafu (i), il-Bord tal-Gvernaturi jista', fuq talba ta' membru li mhuwiex pajjiż benefiċjarju, jiddeċiedi li dan il-membru jikkwalifika bħala pajjiż li huwa benefiċjarju potenzjali għal perijodu limitat u bil-kundizzjonijiet li huwa jqis li huma xierqa. Deċiżjoni bħal din għandha tittieħed billi mill-inqas żewġ terzi tal-Gvernaturi li jirrappreżentaw mill-inqas tliet kwarti tas-setgħat kollha tal-vot tal-membri jivvutaw favuriha.
 - (iii) Id-deċiżjoni li membru jitħalla jikkwalifika bħala pajjiż li huwa benefiċjarju potenzjali tista' tittieħed biss jekk it-tali membru jkun jista' jissodisfa r-rekwiżiti biex isir pajjiż benefiċjarju. Dawn ir-rekwiżiti huma dawk stipulati fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim, fil-verżjoni tiegħu meta tittieħed it-tali deċiżjoni jew fil-verżjoni tiegħu hekk kif tidħol fis-seħħ emenda li tkun diġà ġiet approvata mill-Bord tal-Gvernaturi meta tittieħed it-tali deċiżjoni.
 - (iv) Jekk pajjiż li jkun benefiċjarju potenzjali ma jkunx sar pajjiż benefiċjarju fi tmiem il-perijodu msemmi fis-subparagrafu (ii), il-Bank għandu minnufih itemm kwalunkwe operazzjoni speċjali f'dak il-pajjiż, ħlief dik marbuta mal-implimentazzjoni, il-konservazzjoni u l-preservazzjoni ordinarja tal-assi tal-Fond Speċjali u mas-saldu tal-obbligi li jkunu ġew minnhom.
2. Il-Fondi Speċjali aċċettati mill-Bank jistgħu jintużaw *fil-pajjiżi benefiċjarji tiegħu u fil-pajjiżi li huma benefiċjarji potenzjali tiegħu* b'kull mod u bi kwalunkwe termini u kundizzjonijiet li jkunu konsistenti mal-għan u mal-funzjonijiet tal-Bank, mad-dispożizzjonijiet l-oħra li japplikaw għal dan il-Ftehim, u mal-ftehim jew ftehimiet marbutin ma' Fondi bħal dawn.
3. Il-Bank għandu jadotta r-regoli u r-regolamenti li jkun hemm b'żonn biex jiġi stabbilit, amministrat u użat kull Fond Speċjali. It-tali regoli u regolamenti għandhom ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ħlief għal dawk id-dispożizzjonijiet li japplikaw biċ-ċar biss għall-operazzjonijiet ordinarji tal-Bank.”